## KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 45

l-Erbgha, 23 ta' April, 2014

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, il-Vici President, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sur Stephen Sultana, Sindku Sta. Venera, is-Sur Keith Tanti, Sindku Tal-Pieta`, is-Sinj. Rita Borg, Vici Sindku B'Kara, is-Sur Stephen Gatt, Kunsillier Hal-Balzan, is-Sur Domnic Cassar, Kunsillier San Gwann u s-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 42 li saret nhar it-Tnejn, 10 ta' Marzu, 2014, kienu approvati unanimament, wara li fir-raba' parag. taht l-item "Komunikazzjoni tal-President", wara l-kliem "...meta tali fondi jinqasmu", jidhol il-kliem "parti minnhom". Kienu approvati wkoll il-minuti tas-seduti Nru. 43 u 44 li saru b'urgenza nhar l-Erbgha, 16 t'April, 2014.

Hawnhekk il-President talab li jkun hemm is-sospensjoni tar-regolamenti u tkun tista' tidhol fid-diskussjoni is-Sinj. Rachel Bailey minn Datatrak. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Ir-Regjun iddiskuta mas-Sinj. Bailey kif se jinhargu l-ittri lin-nies li ghandhom multi mhux imhallsa. Ir-Regjun qabel mad-*draft* ta' l-ittra kif prezentata minn Datatrak. Il-President ippropona li qabel jintbghatu l-ittri, issir laqgha bejn Datatrak u l-avukati dwar kif se jipprocedi l-process.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***Progetti mill-flus ta' l-LES***
Il-President qal li kien ser ikellem lis-Sur Michael Cohen dwar jekk kienx hemm il-htiega li dawn il-progetti jintbghatu ghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-approvazzjoni. Kulhadd qabel li ghandu jkun ir-Regjun li japprova dawn il-progetti.

Is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai qalet li kien gie diskuss argument fil-Kunsill Lokali Imsida dwar il-fatt li jekk ir-Regjun qieghed ihallas ghall-Gwardjani, huwa r-Regjun li jiddeciedi kemm sieghat kull lokalita` ikollha gwardjani u dan ihalli effett fuq in-numru ta' multi li jinghataw fil-lokalitajiet. Finalment, dan ikollu effett fuq kemm Kunsill jinghata fondi ghall-progett tieghu. L-argument huwa li jekk ikun hemm aktar gwardjani fl-Imsida, ser ikunu hemm aktar kontravenzjonijiet fl-Imsida.

Il-President qal li f'certu postijiet hemm attivita` akbar minn postijiet ohra u dan izid il-htiega ta' gwardjani f'dawn il-lokalitajiet. Qal ukoll li f'certi lokalitajiet hemm il-cctv's li minnhom jinghataw diversi multi.

Is-Sinj. Borg talbet li jinghata rendikont tal-multi kif inghataw matul is-sena 2013. L-AO se jipprepara dan ir-rapport.

Is-Sur Zammit qal li hu jixtieq li fil-lokal ta' Ta' Xbiex ikun hemm aktar prezenza ta' Green Wardens.

Is-Sur Chircop qal li meta l-lokalita` ta' Tas-Sliema riedu aktar Green Wardens, dawn hallsu ghalihom il-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

Wara din id-diskussjoni, il-President ippropona li jizdied b'€20,000 fis-sena l-ispiza fuq il-Green Wardens. Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta. Il-President qal li kull Kunsill ghandu jindika zoni u hinijiet ta' fejn hemm l-abbuzi u ghahekk jinhtiegu l-green wardens. Dawn ghandhom jintbghatu lill-A. Segretarju Ezekuttiv.

**POZIZZJONI DWAR IT-TRIBUNAL LOKALI**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa li sid il-kera tal-post fejn jospita t-Tribunal huwa lest li jgedded ghal perjodu miftiehem izda b'awment fil-prezz ta' €5.38 kuljum jew €1,963.70 fis-sena.

Is-Sur Tanti qal li l-Kunsill Lokali Tal-Pieta` lest joffri parti mill-premises tieghu ghal dan il-ghan bi prezz ferm irhas.

Il-President qal li l-post fejn qieghed il-Kunsill Lokali Tal-Pieta` huwa difficli fejn wiehed isib jipparkja.

Is-Sur Tanti qal li l-post fil-Gzira fejn kien qed jigi propost li jinxtara sabiex fih isir l-ufficcju tar-Regjun inkluz it-Tribunal, huwa f'post aktar traffikuz u aktar difficli fejn issib parking.

Is-Sur Camilleri qal li hu kien hassu offiz b'dawn il-kummenti tas-Sur Tanti.

Is-Sur Tanti qal li hu kien semma l-post tal-Gzira ghax kien l-aktar wiehed vantaggjuz.

Il-President qal li ghal awment ta' €2,000 fis-sena jahseb li t-Tribunal ghandu jibqa' fejn qieghed.

Is-Sur Tanti qal li dwar il-*parking*, il-Kunsill ghadu kif hareg is-sejha ghal *management* tal-*car park* u ghalhekk il-problema tal-*parking* mhix kbira. Barra minhekk huwa qal li b'dan il-hsieb mhux qed izomm f'mohhu li l-flus iggenerati mir-Regjun jibqghu f'post fl-istess Regjun.

Il-President qal li mhux lest li jaghmel dan b'detriment li n-nies ma jkunux moqdija ahjar.

Is-Sur Tanti wiegeb li n-nies mhux ser ikunu moqdija inqas tajjeb.

Is-Sur Chircop issugerixxa li r-Regjun jipprova jestendi bl-inqas possibli l-kirja tieghu fil-post fejn qieghed u sadanittant tinstab soluzzjoni ghal aktar fit-tul.

Is-Sur Camilleri qal li anki l-Kunsill Lokali tal-Gzira ikun interessat li joffri l-premises tieghu ghal dan il-ghan.

Is-Sur Tanti qal li jekk ikun hemm Kunsill iehor interessat huwa pozittiv ghax il-flus jibqghu iduru fl-istess Regjun.

Il-Vici President qal li ghandu jsir il-*homework* sew u m'ghandu l-ebda oggezzjoni li xi Kunsill joffri l-premises tieghu ghal dan il-ghan.

Il-President ippropona li jigi mgedded ghal sena l-kiri tal-post prezenti u sadanittant ir-Regjun jara x'jista' jsir. Kien hemm qbil dwar dan.

**KORRISPONDENZA**

- Il-Kumitat tar-Regjun Centru qabel li jgedded il-kiri b'sena ohra ta' garage li jinsab bahar ic-caghaq u li qed iservi bhala *store*. Il-kiri ta' dan il-*garage* huwa ta' €2,200 fis-sena.

- Ir-Regjun ircieva wkoll ittra minghand l-AO dwar il-pozizzjoni tat-Tribunal. Huwa enfasizza li decizjoni trid tittiehed malajr biex ma jintilfux kawzi. Huwa qal li dan il-fatt kien inqala' wkoll fil-Kumitat Kongunt li izda ma kienx gedded din il-kirja ghal numru ta' snin sabiex ma jorbotx lir-Regjun.

**KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT**

***Progetti mill-flus ta' l-LES***
Il-President fakkar sabiex il-Kunsilli Lokali jibghatu l-proposti tal-progetti li se jaghmlu b'dawn il-fondi.

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

l-Agent Segretarju Ezekuttiv informa li bi zvista nesa dan id-dokument fl-ufficcju. Ghalhekk kien hemm qbil li tintbghat kopja bl-e mail lil kulhadd u jekk xi hadd ikollu bzonn xi kjarifika jinforma lill-A. Segretarju b'dan. Jekk le, ifisser li x-*Schedule of Payments* Nru. 45 tkun approvata. Kien hemm qbil dwar dan.

**TMIEM**

Fis-7.15pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar il-Gimgha, 30 ta' Mejju, 2014 fil-5.30pm

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President